**7 ta' Settembru, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Sharon Zammit u Philip Zammit kontestwalment

## Sentenza mogħtija fl-Assenza ta' l-Imputat

*Il-konsegwenza ta' l-għoti ta' sentenza, li tirrigwarda delitt, fl-assenza ta' l-imputat hi l-ineżistenza totali kemm ta' dik is-sentenza kif ukoll tas-smigħ tal-kawża li ppreċeda u ddetermina l-istess sentenza.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Sharon Zammit ta' 17-il sena talli fid-29 ta' April, 1993 għall-ħabta tas-7.45 p.m. f'Gudja Road, Luqa, saqet vettura numru B-4314 mingħajr ma kellha liċenzja tas-sewqan taħt il-Kategorija B u b'hekk ma kinitx koperta b'polza tas-sigurtà jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija Sharon Zammit tiġi skwalifikata milli tieħu jew ikollha ebda liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-10 ta' Mejju, 1994 mogħtija fl-ismijiet "Il-Pulizija (Maġġur Joseph Sammut) v. Sharon Zammit u Philip Zammit kontestwalment" li biha dik il-Qorti illiberat lill-imsemmija Sharon Zammit minn kull imputazzjoni u piena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fil-25 ta' Mejju, 1994 li bih talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla dik is-sentenza u wara li tisma' l-provi mill-

ġdid issib lill-imputata appellata ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikunnsidrat:

Illi fir-rikors tiegħu l-Avukat Ġenerali ssolleva żewġ preġudizzjali, waħda dwar in-nullita' tas-sentenza appellata u l-oħra dwar l-okkju tal-kawża. Din il-Qorti tara, però, li m'għandhiex għalfejn tidħol f'dawn il-kwistjonijiet preliminari, u dana għar-raġuni segwenti. Kif jirriżulta mill-atti tal-kawża, quddiem l-ewwel Qorti l-imputata, appellata f'dana l-istadju, qatt ma dehret, u infatti s-sentenza ngħatat fl-assenza tagħha. Quddiem l-ewwel Qorti kien jidher biss missierha ) li l-kawża tiegħu jidher li kienet qed tinstema' kontestwalment ma' dik ta' bintu). L-imputazzjonijiet miġjuba kontra Sharon Zammit kienu ta' reati li huma delitti u mhux kontravvenzjonijiet u għalhekk ma kinitx applikabbli d-dispożizzjoni ta' l-artikolu 374 (b) tal-Kap. 9. Skond ġurisprudenza ċara u kostanti ta' dina l-Qorti, l-assenza ta' l-imputata mill-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1994 iġib bħala konsegwenza l-ineżistenza totali kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tas-smigħ tal-kawża li ppreċeda u ddetermina dik is-sentenza (ara **Il-Pulizija v. Zakarija Calleja,** 18 ta' Novembru, 1976; **Il-Pulizija v. Carmel Debono,** 1 ta' Diċembru, 1977; **Il-Pulizija v. Stephen Caruana,** 24 ta' April, 1986; **Il-Pulizija v. George Fava,** 31 ta' Mejju, 1984; **Il-Pulizija v. Anthony Magri,** 6 ta' Diċembru, 1984; **Il-Pulizija v. Anne Debono et.,** 28 ta' Lulju, 1988; u **Il-Pulizija v. Emanuel Mifsud,** 11 ta' Lulju, 1994, kollha deċiżjonijiet ta' din il-Qorti);

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tipprovdi dwar l-appell billi tiddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi li s-sentenza appellata u s-smigħ tal-kawża li ppreċediha u wassal għaliha ma għandhom ebda effett legali u għandhom jitqiesu ineżistenti fil-konfront ta' l-appellata u li, konsegwentement, ma hemmx lok li tipprova ulterjorment fuq l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.